II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERISTITUZZJONALI

## FTEHIM INTERISTITUZZJONALI BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-KUMMISSJONI EWROPEA DWAR IT-TFASSIL AĦJAR TAL-LIĠIJIET

**FTEHIM INTERISTITUZZJONALI**

**tat-13 ta' April 2016**

**dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet**

IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 295 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ('it-tliet Istituzzjonijiet') huma impenjati għal kooperazzjoni leali u trasparenti matul iċ-ċiklu leġislattiv kollu. F'dan il-kuntest, huma jfakkru fl-ugwaljanza taż-żewġ koleġislaturi kif stabbilita fit-Trattati.

(2) It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu r-responsabbiltà konġunta tagħhom biex jipproduċu leġislazzjoni tal-Unjoni ta' kwalità għolja u biex jiżguraw li tali leġislazzjoni tiffoka fuq oqsma fejn ikollha l-aħjar valur miżjud għaċ-ċittadini Ewropej, tkun kemm jista' jkun effiċjenti u effettiva biex jinkisbu l-objettivi komuni tal-politika tal-Unjoni, tkun sempliċi u ċara kemm jista' jkun, tevita r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, amministrazzjonijiet u negozji, speċjalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ('SMEs'), u tkun imfassla bl-għan li tiffaċilita t-traspożizzjoni u l-applikazzjoni prattika tagħha u biex issaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni.

(3) It-tliet Istituzzjonijiet ifakkru l-obbligu tal-Unjoni li tilleġisla biss meta u sal-punt meħtieġ, skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

(4) It-tliet Istituzzjonijiet itennu r-rwol u r-responsabbiltà tal-Parlamenti nazzjonali, kif stabbiliti fit-Trattati, fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropeagħall-Enerġija Atomika u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(5) It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-analiżi tal-'valur miżjud Ewropew' potenzjali ta' kwalunkwe azzjoni proposta tal-Unjoni, kif ukoll valutazzjoni tal-'prezz tan-non-Ewropa' fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ meta tiġi stabbilita l-aġenda leġislattiva.

(6) It-tliet Istituzzjonijiet iqisu li l-konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-partijiet konċernati, l-evalwazzjoni ex-post tal-leġislazzjoni eżistenti u l-valutazzjonijiet tal-impatt ta' inizjattivi ġodda ser jgħinu biex jintlaħaq l-objettiv ta' Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

(7) Bil-għan li jiġu ffaċilitati n-negozjati fil-qafas tal-proċedura leġislattiva ordinarja u li tittejjeb l-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji li f'konformità magħhom il-Kummissjoni ser tiġbor l-għarfien espert kollu meħtieġ qabel l-adozzjoni ta' atti delegati.

(8) It-tliet Istituzzjonijiet jaffermaw li l-objettivi tas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju jeħtieġ li jiġu segwiti mingħajr preġudizzju għall-kisba tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni, kif speċifikati fit-Trattati, jew għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq intern.

(9) Dan il-Ftehim jikkumplimenta l-ftehimiet u d-dikjarazzjonijiet dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li ġejjin, li t-tliet Istituzzjonijiet jibqgħu impenjati lejhom bis-sħiħ:

— Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 –Metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi ([1]);

— Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar linji gwida komuni għall-kwalità tal-abbozzar ta' leġislazzjoni tal-Komunità ([2]);

— Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni ta' atti legali ([3]);

— Id-Dikjarazzjoni Konġunta tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni ([4]);

— Id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([5]).

FTEHMU KIF ĠEJ:

## I. IMPENJI U OBJETTIVI KOMUNI

1. It-tliet Istituzzjonijiet b'dan jaqblu li jimmiraw lejn it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet permezz ta' sensiela ta' inizjattivi u proċeduri kif stipulat f'dan il-Ftehim.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom u f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-Trattati, u filwaqt li jfakkru fl-importanza li huma jagħtu għall-metodu Komunitarju, it-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li josservaw prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, bħal-leġittimità demokratika, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u ċ-ċertezza legali. Huma jaqblu wkoll li jippromwovu s-sempliċità, iċ-ċarezza u l-konsistenza fl-abbozzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni u li jippromwovu t-trasparenza tal-ogħla grad tal-proċess leġislattiv.

3. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-leġislazzjoni tal-Unjoni jeħtieġ li tkun tinftiehem u ċara, tippermetti liċ-ċittadini, amministrazzjonijiet u negozji jifhmu faċilment id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, tinkludi rekwiżiti ta' rappurtar, monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa, tevita r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi, u tkun prattika biex tiġi implimentata.

## II. PROGRAMMAZZJONI

4. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jsaħħu l-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-Unjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jafda lill-Kummissjoni bil-kompitu li tagħti bidu għall-programmazzjoni annwali u pluriennali.

*Programmazzjoni pluriennali*

5. Mal-ħatra ta' Kummissjoni ġdida, sabiex jiġi ffaċilitat ippjanar aktar fit-tul, it-tliet Istituzzjonijiet ser ikollhom skambju ta' fehmiet dwar l-objettivi prinċipali tal-politiki u l-prijoritajiet tat-tliet Istituzzjonijiet għall-mandat il-ġdid kif ukoll, kull fejn possibbli, dwar il-kalendarju indikattiv.

It-tliet Istituzzjonijiet, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u kif xieraq, ser ifasslu konklużjonijiet konġunti li jiġu ffirmati mill-Presidenti tat-tliet Istituzzjonijiet.

It-tliet Istituzzjonijiet, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, ser iwettqu rieżami ta' nofs it-terminu ta' dawk il-konklużjonijiet konġunti u jaġġustawhom kif xieraq.

---

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.
([2]) ĠU C 73, 17.3.1999, p. 1.
([3]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.
([4]) ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.
([5]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 15.

*Programmazzjoni annwali — Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u programmazzjoni interistituzzjonali*

6. Il-Kummissjoni ser tidħol fi djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill rispettivament, sew qabel kif ukoll wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma annwali tagħha ('il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni'). Dak id-djalogu ser jinkludi dan li ġej:

(a) skambji bilaterali bikrin ta' fehmiet dwar inizjattivi għas-sena li jkun imiss ser isiru qabel il-preżentazzjoni ta' kontribut bil-miktub mill-President tal-Kummissjoni u l-Ewwel Viċi President tagħha li jistipula f'dettall adegwat punti ta' importanza politika kbira għas-sena ta' wara u li jkun fih indikazzjonijiet dwar il-proposti tal-Kummissjoni li huma intiżi għall-irtirar ("ittra ta' intenzjoni");

(b) wara d-dibattitu dwar l-Istat tal-Unjoni u qabel l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser ikollhom skambju ta' fehmiet mal-Kummissjoni abbażi tal-ittra ta' intenzjoni;

(c) skambju ta' fehmiet ser isir bejn it-tliet Istituzzjonijiet dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni adottat, skont il-paragrafu 7.

Il-Kummissjoni ser tieħu kont dovut tal-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill f'kull stadju tad-djalogu, inkluż tat-talbiet tagħhom għal inizjattivi.

7. Wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u abbażi tiegħu, it-tliet Istituzzjonijiet ser ikollhom skambju ta' fehmiet dwar inizjattivi għas-sena li ġejja u ser jaqblu fuq dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali ('dikjarazzjoni konġunta'), li għandha tiġi ffirmata mill-Presidenti tat-tliet Istituzzjonijiet. Id-dikjarazzjoni konġunta ser tistipula objettivi u prijoritajiet ġenerali għas-sena ta' wara u ser tidentifika punti ta' importanza politika kbira li, mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtija mit-Trattati lill-koleġislaturi, jeħtieġ li jiġu ttrattati bħala prijoritajiet fil-proċess leġislattiv.

It-tliet Istituzzjonijiet ser jimmonitorjaw, fuq bażi regolari matul is-sena, l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni konġunta.Għal dak il-għan, it-tliet Istituzzjonijiet ser jipparteċipaw f'dibattiti dwar l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni konġunta fil-Parlament Ewropew u/jew il-Kunsill fir-rebbiegħa tas-sena inkwistjoni.

8. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni ser jinkludi proposti leġislattivi u mhux leġislattivi prinċipali għas-sena ta' wara, inklużi tħassir, riformulazzjonijiet, simplifikazzjonijiet u rtirar. Għal kull punt, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni ser jindika dan li ġej, sal-punt li jkunu disponibbli: il-bażi legali intiża; it-tip ta' att legali; skeda ta' żmien indikattiva għall-adozzjoni mill-Kummissjoni; u kwalunkwe informazzjoni proċedurali oħra rilevanti, inkluż informazzjoni dwar il-ħidma ta' valutazzjoni tal-impatt u evalwazzjoni.

9. F'konformità mal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u l-bilanċ istituzzjonali, meta l-Kummissjoni tkun biħsiebha tirtira proposta leġislattiva, kemm jekk tali rtirar ser jiġi segwit bi proposta riveduta jew le, hija ser tipprovdi r-raġunijiet għal tali rtirar, u jekk applikabbli, indikazzjoni tal-passi sussegwenti intiżi flimkien ma' skeda ta' żmien preċiża, u ser twettaq konsultazzjonijiet interistituzzjonali xierqa abbażi ta' dan. Il-Kummissjoni ser tieħu kont dovut tal-pożizzjonijiet tal-koleġislaturi u tirreaġixxi għalihom.

10. Il-Kummissjoni ser tagħti kunsiderazzjoni fil-pront u ddettaljata għat-talbiet għal proposti għal atti tal-Unjoni li jsiru mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill skont l-Artikolu 225 jew l-Artikolu 241 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rispettivament.

Il-Kummissjoni ser twieġeb dawn it-talbiet fi żmien tliet xhur, u tiddikjara x'segwitu biħsiebha tagħtihom billi tadotta komunikazzjoni speċifika. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tippreżentax proposta, b'reazzjoni għal tali talba, ser tinforma lill-istituzzjoni kkonċernata bir-raġunijiet dettaljati, u tipprovdi,fejn xieraq, analiżi tal-alternattivi possibbli u tirrispondi għal kwalunkwe kwistjoni mqajjma mill-koleġislaturi b'rabta mal-analiżi dwar 'valur miżjud Ewropew' u dwar 'kemm tqum in-non-Ewropa'.

Jekk mitluba tagħmel dan, il-Kummissjoni ser tippreżenta t-tweġiba tagħha fil-Parlament Ewropew jew fil-Kunsill.

11. Il-Kummissjoni ser tipprovdi aġġornamenti regolari dwar l-ippjanar tagħha matul is-sena u tagħti raġunijiet għal kwalunkwe dewmien fil-preżentazzjoni tal-proposti inklużi fil-Programm ta' Ħidma tagħha. Il-Kummissjoni ser tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tagħha għas-sena inkwistjoni.

## III. GĦODOD GĦAT-TFASSIL AĦJAR TAL-LIĠIJIET

*Valutazzjoni tal-impatt*

12. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu dwar il-kontribut pożittiv tal-valutazzjonijiet tal-impatt fit-titjib tal-kwalità tal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt huma għodda biex tgħin lit-tliet Istituzzjonijiet jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba u mhumiex sostitut għal deċiżjonijiet politiċi fil-proċess demokratiku tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-valutazzjonijiet tal-impatt ma għandhomx iwasslu għal dewmien żejjed fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet jew jippreġudikaw il-kapaċità tal-koleġislatur li jipproponi emendi.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jkopru l-eżistenza, l-iskala u l-konsegwenzi ta' problema u l-kwistjoni dwar jekk hix meħtieġa azzjoni mill-Unjoni jew le. Huma jeħtieġ li jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi u, fejn possibbli, l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali fuq perijodu qasir u fit-tul, filwaqt li jivvalutaw l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali b'mod integrat u bbilanċjat u jużaw kemm l-analiżi kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva. Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għandhom jiġu rrispettati b'mod sħiħ, hekk kif għandhom jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jindirizzaw ukoll, kull meta possibbli, 'kemm tqum in-non-Ewropa' u l-impatt fuq il-kompetittività u l-piżijiet amministrattivi tal-għażliet differenti, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-SMEs ("Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir"), l-aspetti diġitali u l-impatt territorjali. Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża, oġġettiva u kompluta u li jkunu proporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-enfasi tagħhom.

13. Il-Kummissjoni ser tagħmel valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi, l-atti delegati u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha li jkunu mistennija jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti. Bħala regola ġenerali, l-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jew fid-dikjarazzjoni konġunta ser ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt.

Fil-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha stess, il-Kummissjoni ser twettaq konsultazzjoni li tkun wiesgħa kemm jista' jkun. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni ser iwettaq kontroll tal-kwalità oġġettiv tal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha. Ir-riżultati finali tal-valutazzjonijiet tal-impatt ser ikunu disponibbli għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Parlamenti nazzjonali, u ser ikunu ppubblikati flimkien mal-opinjoni(jiet) tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju meta tiġi adottata l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

14. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, meta jikkunsidraw il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni, ser jieħdu kont sħiħ tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Għal dan l-għan, il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jiġu ppreżentati b'tali mod li jiffaċilitaw il-kunsiderazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-għażliet li tkun għamlet il-Kummissjoni.

15. Meta jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġislattiv, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni. Bħala regola ġenerali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni bħala l-punt tat-tluq għall-ħidma ulterjuri tagħhom. Id-definizzjoni ta' emenda 'sostanzjali' għandha tiġi ddeterminata mill-Istituzzjoni rispettiva.

16. Il-Kummissjoni tista', b'inizjattiva tagħha stess jew fuq stedina mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, tikkomplementa l-valutazzjoni tal-impatt tagħha stess jew twettaq ħidma analitika oħra li tqis meħtieġa. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni ser tieħu kont tal-informazzjoni kollha disponibbli, l-istadju li ntlaħaq fil-proċess leġislattiv u l-ħtieġa li jiġi evitat dewmien żejjed f'dak il-proċess. Il-koleġislaturi ser jieħdu kont sħiħ ta' kwalunkwe element addizzjonali provdut mill-Kummissjoni f'dak il-kuntest.

17. Kull waħda mit-tliet Istituzzjonijiet hija responsabbli li tiddeċiedi kif torganizza l-ħidma tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha, inklużi r-riżorsi interni tal-organizzazzjoni u l-kontroll tal-kwalità. Fuq bażi regolari, dawn ser jikkooperaw billi jiskambjaw informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u metodoloġiji relatati mal-valutazzjonijiet tal-impatt, biex b'hekk kull istituzzjoni tkun tista' tkompli ttejjeb il-metodoloġija u l-proċeduri tagħha, u l-koerenza tal-ħidma ġenerali fuq il-valutazzjoni tal-impatt.

18. Il-valutazzjoni tal-impatt inizjali tal-Kummissjoni u kwalunkwe ħidma addizzjonali fuq il-valutazzjoni tal-impatt mwettqa matul il-proċess leġislattiv mill-Istituzzjonijiet ser isiru pubbliċi sa tmiem il-proċess leġislattiv u, meħudin flimkien, dawn jistgħu jintużaw bħala l-bażi tal-evalwazzjoni.

*Konsultazzjoni pubblika u mal-partijiet konċernati u r-reazzjonijiet tagħhom*

19. Il-konsultazzjoni pubblika u mal-partijiet konċernati hija integrali għal teħid tad-deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba u biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet. Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti speċifiċi li japplikaw għall-proposti tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 155(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni ser, qabel tadotta proposta, twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi b'mod miftuħ u trasparenti, u tiżgura li l-modalitajiet u l-iskadenzi ta' dawk il-konsultazzjonijiet pubbliċi jippermettu l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni diretta tal-SMEs u utenti aħħarin oħrajn fil-konsultazzjonijiet. Dan ser jinkludi konsultazzjonijiet pubbliċi bbażati fuq l-internet. Ir-riżultati ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u ma' partijiet konċernati għandhom jiġu kkomunikati mingħajr dewmien liż-żewġ koleġislaturi u magħmula pubbliċi.

*Evalwazzjoni ex post ta' leġislazzjoni eżistenti*

20. It-tliet Istituzzjonijiet jikkonfermaw l-importanza tal-ogħla konsistenza u koerenza possibbli fl-organizzazzjoni ta' ħidmiethom biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, inklużi l-konsultazzjonijiet mal-pubbliku u l-partijiet konċernati relatati.

21. Il-Kummissjoni ser tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-ippjanar pluriennali tagħha ta' evalwazzjonijiet ta' leġislazzjoni eżistenti u, sa fejn possibbli, ser tinkludi f' dak l-ipjannar, it-talbiet tagħhom għal evalwazzjoni fil-fond ta' oqsma ta' politika speċifiċi jew atti legali.

L-ippjanar tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ser jirrispetta l-kalendarju għar-rapporti u r-rieżamijiet stipulati fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

22. Fil-kuntest taċ-ċiklu leġislattiv, evalwazzjonijiet ta' leġislazzjoni u politika eżistenti, ibbażati fuq l-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud, għandhom jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' għażliet għal azzjoni ulterjuri. Biex jappoġġaw dawn il-proċessi, it-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jistabbilixxu, kif xieraq, rekwiżiti ta' rapportar, monitoraġġu evalwazzjoni fil-leġislazzjoni, filwaqt li jevitaw ir-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Fejn xieraq, tali rekwiżiti jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi li fuqhom tinġabar evidenza tal-effetti tal-leġislazzjoni fil-prattika.

23. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li b'mod sistematiku jqisu l-użu ta' klawżoli ta' rieżami fil-leġislazzjoni u jieħdu kont taż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni u għall-ġbir ta' evidenza fuq ir-riżultati u l-impatti.

It-tliet Istituzzjonijiet ser jikkunsidraw jekk jillimitawx l-applikazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni għal perijodu ta' żmien fiss ('klawsola ta' estinzjoni').

24. It-tliet Istituzzjonijiet għandhom jinformaw lil xulxin fi żmien tajjeb qabel ma jadottaw jew jirrevedu l-linji gwida tagħhom dwar l-għodod tagħhom għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (konsultazzjonijiet pubbliċi u mal-partijiet konċernati, valutazzjonijiet tal-impatt u evalwazzjonijiet ex-post ).

## IV. STRUMENTI LEĠISLATTIVI

25. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi spjegazzjoni u ġustifikazzjoni fir-rigward ta' kull proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-għażla tagħha ta' bażi legali u tip ta' att legali fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposta. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont dovut tad-differenzi fin-natura u l-effetti bejn ir-regolamenti u d-direttivi.

Il-Kummissjoni għandha tispjega wkoll fil-memoranda ta' spjegazzjoni tagħha kif il-miżuri proposti huma ġġustifikati fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u kif huma kompatibbli mad-drittijiet fundamentali. Il-Kummissjoni għandha, barra minn hekk, tagħti wkoll rendikont kemm tal-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll tar-riżultati ta' kwalunkwe konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-partijiet konċernati, valutazzjoni tal-impatt u evalwazzjoni ex post tal-leġislazzjoni eżistenti li tkun wettqet.

Jekk tkun prevista modifika tal-bażi legali li tinvolvi bidla minn proċedura leġislattiva ordinarja għal proċedura leġislattiva speċjali jew proċedura mhux leġislattiva, it-tliet Istituzzjonijiet ser ikollhom skambju ta' fehmiet dwar dan.

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-għażla ta' bażi legali hija determinazzjoni legali li jeħtieġ li ssir skont raġunijiet oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

Il-Kummissjoni għandha tkompli taqdi r-rwol istituzzjonali tagħha b'mod sħiħ biex tiżgura li t-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jkunu rrispettati.

## V. ATTI DELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

26. It-tliet Istituzzjonijiet jissottolinjaw ir-rwol importanti li għandhom l-atti delegati u ta' implimentazzjoni fil-liġi tal-Unjoni. Meta jintużaw b'mod effiċjenti, trasparenti u f'każijiet ġustifikati, dawn huma għodda integrali għal tfassil aħjar tal-ligijiet, li jikkontribwixxu għal leġislazzjoni sempliċi u aġġornata u għall-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tagħha. Hija l-kompetenza tal-leġislatur li jiddeċiedi jekk u sa liema punt għandhom jintużaw atti delegati jew ta' implimentazzjoni, fi ħdan il-limiti tat-Trattati.

27. It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa għall-allinjament tal-leġislazzjoni kollha eżistenti mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Kummissjoni ser tipproponi dan l-allinjament tal-aħħar sa tmiem l-2016.

28. It-tliet Istituzzjonijiet qablu dwar Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati u dwar il-klawżoli standard relatati ('il-Fehim Komuni'), mehmuż ma' dan. F'konformita' mal-Fehim Komuni u bl-għan li jiżdiedu t-trasparenza u l-konsultazzjoni, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tiġbor l-għarfien espert kollu meħtieġ qabel l-adozzjoni ta' atti delegati, inkluż permezz tal-konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri u permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi.

Barra minn hekk, u kull meta tkun meħtieġa kompetenza akbar fit-tħejjija bikrija ta' abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ser tagħmel użu minn gruppi ta' esperti, tikkonsulta lill-partijiet konċernati fil-mira u twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, kif xieraq.

Biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-informazzjoni kollha, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri. L-esperti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għandhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li għalihom ikunu mistiedna l-esperti tal-Istati Membri u li jikkonċernaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Il-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna għal laqgħat fil-Parlament Ewropew jew fil-Kunsill sabiex ikun hemm aktar skambji ta' fehmiet dwar it-tħejjija ta' atti delegati.

It-tliet Istituzzjonijiet ser jidħlu f'negozjati mingħajr dewmien żejjed wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bil-ħsieb li jiġi ssupplimentat "il-Fehim Komuni" billi jipprovdi għal kriterji mhux vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

29. It-tliet Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li sa mhux aktar tard minn tmiem l-2017, u f'kooperazzjoni mill-qrib, jistabbilixxu reġistru funzjonali konġunt ta' atti delegati, li jipprovdi informazzjoni b'mod strutturat tajjeb u faċli għall-utent sabiex tiżdied it-trasparenza, jiġi ffaċilitat l-ippjanar u tkun tista' ssir it-traċċabbiltà tal-istadji differenti kollha fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' att delegat.

30. Fir-rigward tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, it-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jibqgħu lura milli jżidu, fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, rekwiżiti proċedurali li jbiddlu l-modalitajiet ta' kontroll stipulati fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Il-Kumitati li jwettqu l-kompiti tagħhom skont il-proċedura stabbilita skont 'dak ir-Regolament ma għandhomx, f'dik il-kapaċità, jiġu mitluba jeżerċitaw funzjonijiet oħra.

31. Bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni tipprovdi ġustifikazzjonijiet oġġettivi bbażati fuq ir-rabta sostantiva bejn il-konferiment ta' żewġ setgħat jew aktar li jinsabu f'att leġislattiv uniku, u sakemm l-att leġislattiv ma jipprovdix mod ieħor, il-konferimenti tas-setgħat jistgħu jiġu raggruppati. Il-konsultazzjonijiet fit-tħejjija ta' atti delegati jservu wkoll biex jindikaw liema konferimenti tas-setgħat jitqiesu li huma marbuta sostantivament. F'każijiet bħal dawn, kwalunkwe oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ser tindika b'mod ċar liema konferiment ta' setgħa qed tirrigwarda speċifikament.

## VI. TRASPARENZA U KOORDINAZZJONI TAL-PROĊESS LEĠISLATTIV

32. It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu li l-proċedura leġislattiva ordinarja żviluppat fuq il-bażi ta' kuntatti regolari fl-istadji kollha tal-proċedura. Huma jibqgħu impenjati li jkomplu jtejbu l-ħidma taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja f'konformità mal-prinċipji tal-kooperazzjoni leali, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza.

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal- eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu b'mod partikolari li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, bħala koleġislaturi, għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fuq bażi ugwali. Il-Kummissjoni għandha taqdi r-rwol tagħha bħala faċilitatur bit-trattament ugwali taż-żewġ fergħat tal-awtorità leġislattiva, b'rispett sħiħ għar-rwoli assenjati mit-Trattati lit-tliet Istituzzjonijiet.

33. It-tliet Istituzzjonijiet għandhom iżommu lil xulxin informati regolarment matul il-proċess leġislattiv dwar il-ħidma tagħhom, dwar in-negozjati li għaddejjin bejniethom u dwar kwalunkwe reazzjoni mill-partijiet konċernati li huma jistgħu jirċievu, permezz ta' proċeduri xierqa, inkluż id-djalogu bejniethom..

34. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fil-kapaċità tagħhom bħala koleġislaturi, jaqblu dwar l-importanza li jinżammu kuntatti mill-qrib diġà minn qabel in-negozjati interistituzzjonali sabiex jintlaħaq fehim reċiproku aħjar tal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom. Għal dan l-għan, fil-kuntest tal-proċess leġislattiv, ser jiffaċilitaw l-iskambju reċiproku ta' fehmiet u informazzjoni, inkluż permezz ta' stedina lir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet l-oħra, għal skambji informali ta' fehmiet fuq bażi regolari.

35. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fl-interess tal-effiċjenza, ser jiżguraw sinkronizzazzjoni aħjar tat-trattament tagħhom ta' proposti leġislattivi. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jikkomparaw skedi ta' żmien indikattivi għall-istadji differenti li jwasslu għall-adozzjoni finali ta' kull proposta leġislattiva.

36. Fejn xieraq, it-tliet Istituzzjonijiet jistgħu jaqblu li jikkoordinaw l-isforzi biex jiġi aċċellerat il-proċess leġislattiv, filwaqt li jkun żgurat li l-prerogattivi tal-koleġislaturi jiġu rispettati u li l-kwalità tal-leġislazzjoni tiġi ppreservata.

37. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-għoti ta' informazzjoni lill-Parlamenti nazzjonali għandu jippermetti lil dawn tal-aħħar jeżerċitaw b'mod sħiħ il-prerogattivi tagħhom skont it-Trattati.

38. It-tliet Istituzzjonijiet ser jiżguraw it-trasparenza tal-proċeduri leġislattivi, fuq il-bażi ta' leġislazzjoni u ġurisprudenza rilevanti, inkluż trattament xieraq ta' negozjati trilaterali.

It-tliet Istituzzjonijiet ser itejbu l-komunikazzjoni lill-pubbliku matul iċ-ċiklu leġislattiv kollu u b'mod partikolari ser iħabbru b'mod konġunt l-eżitu b'suċċess tal-proċess leġislattiv fil-proċedura leġislattiva ordinarja ladarba jkunu laħqu ftehim, jiġifieri permezz ta' konferenzi stampa konġunti jew kwalunkwe mezz ieħor meqjus xieraq.

39. Sabiex tiġi ffaċilitata t-traċċabbiltà tad-diversi passi fil-proċess leġislattiv, it-tliet Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jidentifikaw, sal-31 ta' Diċembru 2016, modi ta' kif jiżviluppaw aktar pjattaformi u għodod għal dak l-għan, bil-ħsieb li tiġi stabbilita bażi ta' data konġunta apposta dwar l-istat attwali tal-fajls leġislattivi.

40. It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġi żgurat li kull istituzzjoni tista' teżerċita d-drittijiet tagħha u taqdi l-obbligi tagħha stabbiliti fit-Trattati kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali.

It-tliet Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jiltaqgħu fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sabiex jinnegozjaw arranġamenti prattiċi mtejba għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fil-qafas tat-Trattati, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## VII. IMPLIMENTAZZJONI U APPLIKAZZJONI TAL-LEĠISLAZZJONI TAL-UNJONI

41. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni aktar strutturata bejniethom biex jivvalutaw l-applikazzjoni u l-effettività tal-liġi t tal-Unjoni bil-ħsieb li jitjieb permezz ta' leġislazzjoni futura.

42. It-tliet Istituzzjonijiet jisħqu fuq il-bżonn tal-applikazzjoni veloċi u korretta tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fl-Istati Membri. Il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-direttivi ser ikun qasir kemm jista' jkun u, ġeneralment, ma jeċċediex is-sentejn.

43. It-tliet Istituzzjonijiet jistiednu lill-Istati Membri biex, meta jadottaw miżuri biex jittrasponu jew jimplimentaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni jew biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, jikkomunikaw b'mod ċar mal-pubbliku tagħhom dwar dawk il-miżuri. Meta, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jagħżlu li jżidu elementi li bl-ebda mod ma huma relatati ma' dik il-leġislazzjoni tal-Unjoni, tali żidiet jeħtieġ li jsiru identifikabbli permezz tal-att(i) ta' traspożizzjoni, jew permezz ta' dokumenti assoċjati.

44. It-tliet Istituzzjonijiet jappellaw lill-Istati Membri biex jikkooperaw mal-Kummissjoni biex din tikseb l-informazzjoni u d-data meħtieġa biex timmonitorja u tevalwa l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. It-tliet Istituzzjonijiet ifakkru u jisħqu fuq l-importanza tad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ([1]) ta' spjegazzjoni u tad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw in-notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni.

45. Il-Kummissjoni ser tkompli tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Ir-rapport tal-Kummissjoni jinkludi, fejn rilevanti, referenza għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 43. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi iktar informazzjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni ta' att legali partikolari.

## VIII. SIMPLIFIKAZZJONI

46. It-tliet Istituzzjonijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jużaw it-teknika leġislattiva ta' riformulazzjoni għall-modifika tal-leġislazzjoni eżistenti b'mod aktar frekwenti u b'rispett sħiħ tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni ta' atti legali. Fejn ir-riformulazzjoni ma tkunx xierqa, il-Kummissjoni ser tippreżenta proposta skont il–Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġislattivi kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni ta' att emendatorju. Jekk il-Kummissjoni ma tippreżentax tali proposta, hi għandha tiddikjara r-raġunijiet tagħha għaliex ma għamlitx dan.

47. It-tliet Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jippromwovu l-aktar strumenti regolatorji effiċjenti, bħall-armonizzazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku, sabiex jiġu evitati r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi u jissodisfaw l-objettivi tat-Trattati.

48. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jikkooperaw sabiex jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġislazzjoni u biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet u n-negozji, inklużi l-SMEs, filwaqt li jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi tal-leġislazzjoni.. F'dan il-kuntest, it-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jiskambjaw fehmiet dwar din il-kwistjoni qabel il-finalizzazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.

Bħala kontribut għal programm tagħha dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni timpenja ruħha li kull sena tippreżenta ħarsa ġenerali, inkluż stħarriġ annwali dwar il-piżijiet, tar-riżultati tal-isforzi tal-Unjoni biex tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni u tiġi evitata r-regolamentazzjoni eċċessiva u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.

Abbażi tax-xogħol tal-Istituzzjonijiet fuq l-valutazzjoni tal-impatt u ħidma ta' evalwazzjoni u l-kontributi mill-Istati Membri u partijiet konċernati, u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispejjeż u l-benefiċċji tar-regolamentazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, kull meta jkun possibbli, tikkwantifika t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji jew il-potenzjal ta' ffrankar ta' proposti jew atti legali individwali.

Il-Kummissjoni ser tivvaluta wkoll il-fattibbiltà li, fir-REFIT, jiġu stabbiliti objettivi għat-tnaqqis tal-piżijiet f'setturi speċifiċi.

## IX. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ TA' DAN IL-FTEHIM

49. It-tliet Istituzzjonijiet ser jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li huma jkollhom il-mezzi u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Ftehim.

50. It-tliet Istituzzjonijiet ser jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim b'mod konġunt u regolari, kemm fil-livell politiku permezz ta' diskussjonijiet annwali, kif ukoll fil-livell tekniku fil-Grupp ta' Koordinazzjoni Interistituzzjonali.

## X. DISPOSIZZJONIJIET FINALI

51. Dan il-Ftehim Interistituzzjonali jissostitwixxi l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tas-16 ta' Diċembru 2003 ([2]) u l-Approċċ Komuni Interistituzzjonali għall-Valutazzjoni tal-impatt ta' Novembru 2005 ([3]).

L-Anness għal dan il-Ftehim jissostitwixxi l-Fehim Komuni tal-2011 dwar l-Atti Delegati.

52. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li fih jiġi ffirmat.

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.
([2]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.
([3]) http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/key_docs/docs/ii_common_approach_to_ia_en.pdf

Съставено в Страсбург, 13 април 2016 г.
Hecho en Estrasburgo, el 13 de abril de 2016.
Ve Štrasburku dne 13. dubna 2016.
Udfærdiget i Strasbourg, den 13. april 2016.
Geschehen zu Straßburg am 13. April 2016.
Strasbourg, 13. aprill 2016
Έγινε στο Στρασβούργο, 13 Απριλίου 2016.
Done at Strasbourg, 13 April 2016.
Fait à Strasbourg, le 13 avril 2016.
Arna dhéanamh in Strasbourg, an 13 Aibreán 2016.
Sastavljeno u Strasbourgu 13. travnja 2016.
Fatto a Strasburgo, addì 13 aprile 2016.
Strasbūrā, 2016. gada 13. aprīlī.
Priimta Strasbūre 2016 m. balandžio 13 d.
Kelt Strasbourgban, 2016. április 13-én.
Magħmul fi Strasburgu, 13 ta' April 2016.
Gedaan te Straatsburg, 13 april 2016.
Sporządzono w Strasburgu dnia 13 kwietnia 2016 r.
Feito em Estrasburgo, em 13 de abril de 2016.
Întocmit la Strasbourg 13 aprilie 2016.
V Štrasburgu 13. apríla 2016.
V Strasbourgu, 13. aprila 2016.
Tehty Strasbourgissa 13. huhtikuuta 2016.
Som skedde i Strasbourg den 13 april 2016.

| | | |
|---|---|---|
| За Европейския парламент | За Съвета | За Комисията |
| Por el Parlamento Europeo | Por el Consejo | Por la Comisión |
| Za Evropský parlament | Za Radu | Za Komisi |
| For Europa-Parlamentet | På Rådets vegne | På Kommissionens vegne |
| Im Namen des Europäischen Parlaments | Im Namen des Rates | Im Namen der Kommission |
| Euroopa Parlamendi nimel | Nõukogu nimel | Komisjoni nimel |
| Για το Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο | Για το Συμβούλιο | Για την Επιτροπή |
| For the European Parliament | For the Council | For the Commission |
| Pour le Parlement européen | Pour le Conseil | Pour la Commission |
| Thar ceann Pharlaimint na hEorpa | Thar ceann Comhairle | Thar ceann an Choimisiúin |
| Za Europski parlament | Za Vijeće | Za Komisiju |
| Per il Parlamento europeo | Per il Consiglio | Per la Commissione |
| Eiroparlamenta vārdā | Padomes vārdā | Komisijas vārdā |
| Europos Parlamento vardu | Tarybos vardu | Komisijos vardu |
| Az Európai Parlament részéről | A Tanács részéről | A Bizottság részéről |
| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill | Għall-Kummissjoni |
| Voor het Europees Parlement | Voor de Raad | Voor de Commissie |
| W imieniu Parlamentu Europejskiego | W imieniu Rady | W imieniu Komisji |
| Pelo Parlamento Europeu | Pelo Conselho | Pela Comissão |
| Pentru Parlamentul European | Pentru Consiliu | Pentru Comisie |
| Za Európsky parlament | Za Radu | Za Komisiu |
| Za Evropski parlament | Za Svet | Za Komisijo |
| Euroopan parlamentin puolesta | Neuvoston puolesta | Komission puolesta |
| På Europaparlamentets vägnar | På rådets vägnar | På kommissionens vägnar |

Председател/El Presidente/Předseda/Formand/Der Präsident/President-Eesistuja/
Ο Πρόεδρος/The President/Le Président/An tUachtarán/Predsjednik/
Il Presidente/Priekšsēdētājs/Pirmininkas/Az elnök/Il-President/de Voorzitter/
Przewodniczący/O Presidente/Preşedintele/Predseda/Predsednik/Puheenjohtaja/Ordförande

| | | |
|---|---|---|
| Martin SCHULZ | Jeanine Antoinette HENNIS-PLASSCHAERT | Jean-Claude JUNCKER |

*ANNESS*

**Fehim Komuni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Atti Delegati**

I. **Kamp ta' Applikazzjoni u prinċipji ġenerali**

1. Dan il-Fehim Komuni jibni fuq, u jissostitwixxi, il-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati u jirrazzjonalizza l-prassi stabbilita minn hemm 'il quddiem mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Dan jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u l-kjarifiki u l-preferenzi miftiehma li japplikaw għad-delegi tas-setgħa leġislattiva skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dak l-Artikolu jirrikjedi li l-objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u d-durata ta' delega jkunu definiti espressivament f'kull att leġislattiv li jinkludi tali delega ('l-att bażiku').

2. Fit-tħaddim tas-setgħat tagħhom u f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-TFUE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ('it-tliet Istituzzjonijiet') għandhom jikkooperaw tul il-proċedura bil-ħsieb li l-eżerċizzju tas-setgħa delegata jsir bla xkiel u b'kontroll effettiv ta' dik is-setgħa mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Għal dak il-għan għandhom jinżammu kuntatti xierqa fil-livell amministrattiv.

3. Meta jipproponu delegi ta' setgħa skont l-Artikolu 290 TFUE, jew meta jiddelegaw kwalunkwe mit-tali setgħat, l-Istituzzjonijiet konċernati, skont il-proċedura għall-adozzjoni tal-att bażiku, jintrabtu li jirreferu kemm jista' jkun għall-klawsoli standard stipulati fl-Appendiċi ma' dan.

II. **Konsultazzjonijiet fit-tħejjija u t-tfassil ta' atti delegati**

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru fit-tħejjija tal-abbozzi tal-atti delegati. L-esperti tal-Istati Membri għandhom jiġu kkonsultati b'mod f'waqtu dwar kull abbozz ta' att delegat imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni (*). L-abbozzi ta' atti delegati għandhom jiġu kondiviżi mal-esperti tal-Istati Membri. Dawk il-konsultazzjonijiet għandhom isiru permezz ta' gruppi ta' esperti eżistenti jew permezz ta' laqgħat ad hoc ma' esperti mill-Istati Membri, li għalihom il-Kummissjoni għandha tibgħat l-istediniet permezz tar-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri kollha. Huma l-Istati Membri li jiddeċiedu liema esperti għandhom jieħdu sehem. L-esperti tal-Istati Membri għandu jingħatalhom l-abbozzi ta' atti delegati, l-abbozz ta' aġenda u kwalunkwe dokument rilevanti ieħor fi żmien biżżejjed biex iħejju ruħhom.

5. Fit-tmiem ta' kull laqgħa mal-esperti tal-Istati Membri jew bħala segwitu għal dawn il-laqgħat, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jiddikjaraw il-konklużjonijiet li jkunu siltu mid-diskussjonijiet, inkluż kif ser jieħdu l-fehmiet tal-esperti in konsiderazzjoni u kif beħsiebhom jipproċedu. Dawk il-konklużjonijiet jiġu rreġistrati fil-minuti tal-laqgħa.

6. It-tħejjija u t-tfassil ta' atti delegati jistgħu jinkludu wkoll konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati.

7. Fejn il-kontenut materjali ta' abbozz ta' att delegat jinbidel b'xi mod, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-esperti tal-Istati Membri l-opportunità biex jirreaġixxu, fejn xieraq bil-miktub, għall-verżjoni emendata tal-abbozz tal-att delegat.

8. Sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun inkluż fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanja lill-att delegat.

9. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni listi indikattivi tal-atti delegati ppjanati f'intervalli regolari.

(*) L-ispeċifiċitajiet tal-proċedura għat-tħejjija ta' standards tekniċi regolatorji (RTS) kif deskritti fir-Regolamenti ASE [Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12), Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48) u ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)] ser jiġu kkunsidrati mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' konsultazzjoni kif stabbiliti f'dan il-Ftehim.

10. Meta tħejji u tfassal atti delegati l-Kummissjoni għandha tiżgura trasmissjoni simultanja u f'waqtha tad-dokumenti kollha inklużi l-abbozzi tal-atti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin li jintbagħtu lill-esperti tal-Istati Membri.

11. Fejn iqisu l-ħtieġa, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu t-tnejn jibgħatu esperti għal-laqgħat tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati li għalihom ikunu mistiedna l-esperti tal-Istati Membri. Għal dak il-għan il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirċievu l-ippjanar għax-xhur ta' wara u l-istediniet għal-laqgħat kollha tal-esperti.

12. It-tliet Istituzzjonijiet għandhom jindikaw lil xulxin il-kaxex postali funzjonali rispettivi tagħhom li għandhom jintużaw meta jibgħatu u jirċievu d-dokumenti kollha relatati mal-atti delegati. Ladarba r-reġistru msemmi fil-paragrafu 29 ta' dan il-Ftehim ikun stabbilit, huwa għandu jintuża għal dan il-għan.

III. **Arranġamenti għat-trasmissjoni tad-dokumenti u għall-komputazzjoni tal-perjodi ta' żmien**

13. Il-Kummissjoni tittrasmetti uffiċjalment, permezz ta' mekkaniżmu xieraq, l-atti delegati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Id-dokumenti klassifikati għandhom jiġu pproċessati skont il-proċeduri amministrattivi interni mħejjija minn kull Istituzzjoni bil-għan li jiġu pprovduti l-garanziji kollha meħtieġa.

14. Sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet previsti fl-Artikolu 290 TFUE fl-iskadenzi ta' żmien stabbiliti f'kull att bażiku, il-Kummissjoni ma għandhiex tittrasmetti ebda att delegat waqt il-perjodi li ġejjin:

— mit-22 ta' Diċembru sas-6 ta' Jannar;

— mill-15 ta' Lulju sal-20 ta' Awwissu.

Dawn il-perjodi japplikaw biss meta l-perjodu ta' oġġezzjoni jkun ibbażat fuq il-punt 18.

Dawn il-perjodi ma japplikawx għal atti delegati adottati skont il-proċedura ta' urġenza, prevista fil-parti VI ta' dan il-Fehim Komuni. Fil-każ li att delegat jiġi adottat skont il-proċedura ta' urġenza waqt wieħed mill-perjodi speċifikati fl-ewwel subparagrafu, l-iskadenza ta' żmien għall-oġġezzjoni prevista fl-att bażiku tibda tgħodd biss meta jispiċċa il-perjodu in kwistjoni.

It-tliet Istituzzjonijiet għandhom, sa Ottubru tas-sena li tippreċedi l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, jaqblu dwar arranġament għan-notifika ta' atti delegati waqt il-waqfien minħabba l-elezzjonijiet

15. Il-perjodu biex jiġu espressi oġġezzjonijiet jibda jiddekorri meta l-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha tal-att delegat ikunu waslu għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

IV. **Durata tad-delega**

16. L-att bażiku jista' jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati għal perjodu ta' żmien indeterminat jew determinat.

17. Fejn jiġi preskritt perjodu ta' żmien determinat, l-att bażiku għandu fil-prinċipju jipprovdi li d-delega tas-setgħa tiġi estiża awtomatikamentgħall-perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa delegata mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. Dan il-punt ma jaffettwax id-dritt ta' revoka tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

V. **Perijodi ta' oġġezzjoni mill-arlament ewropew u l-kunsill**

18. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura ta' urġenza, il-perjodu għall-oġġezzjoni definit fuq il-bażi ta' każ b'każ f'kull att bażiku għandu fil-prinċipju jkun ta' xahrejn, u mhux inqas minn hekk, u jista' jiġi estiż għal kull istituzzjoni (il-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill) b'xahrejn fuq l-inizjattiva tagħha.

19. Madankollu, l-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal *Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u jista' jidħol fis-seħħ qabel jiskadi dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni li ma joġġezzjonawx.

VI. **Proċedura ta' urġenza**

20. Proċedura ta' urġenza għandha tinżamm riservata għal każijiet eċċezzjonali, bħall-kwistjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza, jew relazzjonijiet esterni, inklużi kriżijiet umanitarji. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jeħtieġ li jiġġustifikaw l-għażla ta' proċedura ta' urġenza fl-att bażiku. L-att bażiku jispeċifika l-każijiet li fihom għandha tintuża l-proċedura ta' urġenza.

21. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li żżomm lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill infurmati bis-sħiħ dwar il-possibbiltà li jiġi adottat att delegat bil-proċedura ta' urġenza. Hekk kif is-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedu din il-possibbiltà, huma għandhom javżaw informalment minn qabel lis-segretarjati tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b' dan permezz tal-kaxex postali funzjonali msemmija fil-punt 12.

22. L-att delegat adottat skont il-proċedura ta' urġenza jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien u japplika sakemm sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni fil-perjodu previst fl-att bażiku. Jekk tiġi espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

23. Meta tinnotifika att delegat skont il-proċedura ta' urġenza lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet li għalihom tkun intużat dik il-proċedura.

VII. **Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali**

24. L-atti delegati jiġu ppubblikati fis-serje L ta' Il-Ġurnal *Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* biss wara li jiskadi l-perjodu ta' oġġezzjoni, ħlief fiċ-ċirkostanzi stipulati fil-punt 19. L-atti delegati adottati skont il-proċedura ta' urġenza għandhom jiġu ppubblikati mingħajr dewmien.

25. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 297 TFUE, id-deċiżjonijiet mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill li jirrevokaw delega tas-setgħa, li joġġezzjonaw għal att delegat adottat skont il-proċedura ta' urġenza jew li jopponu t-tiġdid awtomatikuta' delega ta' setgħa għandhom jiġu ppubblikati wkoll fis-serje L ta' Il-Ġurnal *Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Deċiżjoni li tirrevoka tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal *Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

26. Il-Kummissjoni għandha tippubblika wkoll f'Il-Ġurnal *Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* d-deċiżjonijiet li jħassru atti delegati adottati skont il-proċedura ta' urġenza.

VIII. **Skambju reċiproku ta' informazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' revoka**

27. Meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li japplikaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-att bażiku, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni.

28. Meta jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jibda proċedura li tista' twassal għar-revoka ta' delega tas-setgħa, huwa jinforma liż-żewġ Istituzzjonijiet l-oħra mhux aktar tard minn xahar qabel jieħu d-deċiżjoni li tirrevoka.

*Appendiċi*

Klawżoli standard

Premessa:

Sabiex … [għan], is-setgħa ta' adozzjoni ta'atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' [kontenut u kamp ta' applikazzjoni]. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Artikolu/i li jiddelega(w) setgħat

Il-Kummissjoni [għandha tadotta/tingħata s-setgħa li tadotta] atti delegati skont l-Artikolu [A] dwar … [kontenut u kamp ta' applikazzjoni].

Il-paragrafu supplimentari li ġej għandu jiżdied fejn tapplika l-proċedura ta' urġenza:

Fejn, fil-każ ta' … [kontenut u kamp ta' applikazzjoni], ikun meħtieġ hekk għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-proċedura prevista fl-Artikolu [B] għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

*Artikolu [A]*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

[tul ta' żmien]

Għażla Nru 1:

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu(i) … għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġislattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġislaturi]

Għażla Nru 2:

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu(i) … għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' … snin minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġislattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġislaturi]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' … snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

Għażla Nru 3:

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu(i) … għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' … snin minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġislattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġislaturi].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu(i) … tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill- Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-l-Artikolu(i) … għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' [xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

L-Artikolu supplimentari li ġej għandu jiżdied fejn tapplika l-proċedura ta' urġenza:

*Artikolu [B]*

**Proċedura ta' urġenza**

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu [A](6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.